**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 540 tas-27 ta' Jannar 2022 dwar imġiba ta' Membri u xhieda fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fis-seduta parlamentari tal-bieraħ numru 539 tas-26 ta' Jannar 2022, l-Onor. Konrad Mizzi talab lis-Sedja hekk:

> "Sur President, tul dawn l-aħħar ġimgħat kont qed nattendi l-Public Accounts Committee u xtaqt nitlob *ruling* min-naħa tiegħek dwar il-komportament xejn dinjituż min-naħa tal-Membri tal-Oppożizzjoni. Tul dawn l-aħħar erba' *sessions* tal-Public Accounts Committee jien ġej mgħajjar korrott, qaluli li se nintbagħat il-ħabs din is-sena, qaluli li ngħatajt bagalja ta' *cash* u flus, qaluli li ċempilt lill-Prim Ministru ma nafx kemm-il darba l-ġimgħa ta' qabel u dawn huma allegazzjonijiet foloz kompletament u komportament xejn dinjituż.
>
> Illum ukoll, apparti minn dan kollu, kont qed nirrispondi l-mistoqsijiet tal-Oppożizzjoni u jien lest li nirrispondi kwalunkwe mistoqsija fuq ir-rapport tal-Awditur. Dan fih 700 paġna u nistgħu niddiskutu kollox. Mal-ewwel kif bdejt nirrispondi l-mistoqsijiet beda Beppe Fenech Adami u staqsieni mistoqsija fuq l-*Evaluation Panel*. Għedtlu: Jien bħala Ministru ma kontx nidħol fl-*evaluation*. Hemm kumitati apposta biex jagħmlu l-*evaluation* tat-*tenders*. L-Onor. Fenech Adami qalli: Il-ħbieb tiegħek jagħmluhom! U bdejna b'ħafna insinwazzjonijiet bħal dawn. Jien f'dan l-ambjent għandi bżonn bilfors il-protezzjoni tas-Sejda minħabba dan il-komportament xejn dinjituż u tajjeb ngħid ukoll li nixtieqek tħares lejn it-*transcript* ta' dawn l-aħħar erba' seduti, erba' seduti sħaħ, fejn il-*behaviour* tagħhom kien provokattiv u kemm-il darba kisru d-drittijiet tiegħi.
>
> Fl-aħħar seduta tal-Public Accounts Committee l-Membri tal-Oppożizzjoni għamlu allegazzjonijiet speċifiċi li ma jirriżultawx mir-rapport tal-Awditur dwar l-Electrogas kif ukoll saru insinwazzjonijet oħra infondati u komportament xejn dinjituż. Dawk il-kwestjonijiet huma mertu ta' proċeduri oħra u ċertament ikun hemm opportunità li jkunu mejqusa fid-dettall fil-mument opportun. Madankollu, peress li saru dawn l-allegazzjonijiet, jien xtaqt niċċara erba' punti malajr. L-ewwel nett ma hemm u qatt ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejni, il-kumpanija li kelli jien, il-kumpanija 17 Black u l- Macbridge. Dan ġie konfermat fil-Public Accounts Committee fix-xhieda ta' Brian Tonna. (Interruzzjonijiet)."

Hawnhekk is-Sedja intervjeniet u lill-Onor. Konrad Mizzi qaltlu:

> "Ħu paċenzja, tagħmilx diskors. Agħmilli fil-qosor ir-*ruling* li qed tibbaża fuqu, li qed titlob mingħandi."

Hawnhekk l-Onor. Konrad Mizzi qal:

> "L-Oppożizzjoni għamlet allegazzjonijiet li jien irċevejt flus, irċevejt bagalji ta' flus, qaluli li ċempilt lill-Prim Ministru, għajruni korrott, għajruni li ma nistax noħroġ hemm barra b'rasi mgħollija u llum qaluli li appuntajt lill-ħbieb tiegħi f'dan il-forum. Dan mhuwiex ambjent seren fejn wieħed jista' jwieġeb il-mistoqsijiet. Dan huwa *more a setting of a group of people* li mingħalihom jagħmlu *highjack* tal-istituzzjonijiet."

Is-Sedja wieġbet lill-Onor. Konrad Mizzi:

"Se nara t-traskrizzjoni kollha u nimxi biex nagħti r-*ruling*."

Hawnhekk l-Onor. Konrad Mizzi wieġeb:

"Nitolbok però li tara t-traskrizzjoni ta' erba' seduti sħaħ."

Imbagħad is-Sedja wieġbet:

"Kollox sew, se narahom u nagħti r-*ruling*."

Is-Sedja rat li saru erba' laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li għamel referenza għalihom l-Onor. Membru li huma l-laqgħa tat-3 ta' Novembru 2021, il-laqgħa tal-10 ta' Novembru 2021, il-laqgħa tad-19 ta' Jannar ta' din is-sena u l-laqgħa tal-bieraħ tas-26 ta' Jannar 2022, fejn ġie diskuss ir-Rapport tal-Awditur Ġenerali intitolat "An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd. by Enemalta Corporation".

Is-Sedja rat u fliet sew it-traskrizzjonijiet kollha li għamel referenza għalihom l-Onor. Membru u tagħmel referenza għal partijiet saljenti li minnhom wieħed jista' jasal għal dak li qed jipprova jgħid u jispjega l-Onor. Membru lis-Sedja fir-rigward tax-xhieda tiegħu quddiem il-Kumitat.

Fis-seduta tat-3 ta' Novembru, laqgħa 97 tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, f'paġna 12 tat-traskrizzjoni, iċ-Chairperson jgħid hekk:

"Imma fil-konfront tiegħek, għax inti tirrikatta lil dawn in-nies, ma saret ebda inkjesta."

Imbagħad l-Onor. Mizzi qal hekk:

"Irtira dan il-kliem. Inti qed tagħmel *statement*... (Interruzzjonijiet) Dan mhux aċċettabbli."

Iċ-Chairperson reġa' wieġeb hekk:

"Jien mhu se nirtira xejn."

L-Onor. Konrad Mizzi wieġeb:

"Dan mhux aċċettabbli. Jien se nitlob lill-Ispeaker... Inti għedtli korrott, u mhux vera, u qed tgħid li nirrikatta lil xi ħadd. Ippruvahom dawn l-affarijiet. Ma tistax tgħidhom. Inti mingħalik li għandek *sense of entitlement,* mingħalik li għax il-papà tiegħek kien President u Prim Ministru tagħmel li trid."

Hawnhekk wieġeb iċ-Chairperson, l-Onor. Beppe Fenech Adami:

"Onor. Mizzi, agħmel li trid."

Din hija waħda mill-partijiet li s-Sedja tħoss li għandha tikkummenta fuqha mbagħad hemm parti f'paġna 14 tal-istess seduta fejn l-Onor. Konrad Mizzi qal:

“Mhux x’għandu x’jaqsam! Waqfet l-investigazzjoni. Qed nitkellmu fuq drogi li jaħlu l-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin. Inti *your royal highness*, għax inti *royal highness*... Kif inti, *your royal highness,* tiddeċiedi li tagħmel *pool* fl-ODZ... John jew Carol jew jien ma nistgħux napplikaw f’ODZ, il-poplu Malti ma jistax, imma inti tista’!”

Hawnhekk iċ-Chairperson qallu:

“Qed tgħid il-ħmerijiet.”

Imbagħad qallu:

“Wara din it-*tantrum*, ħalli ngħidlek xi ħaġa. Jien la bżajt minnek u lanqas se nibża’ minnek. Irrapporta fejn trid... (Għajjat) Mur għand l-Ispeaker... Agħmel ksur ta’ privileġġ kemm trid, però jien, fil-konfront tiegħek, minn dak li għedt, ma jien se nirtira xejn.”

Imbagħad hemm il-parti l-oħra, f’paġna 25 tal-istess traskrizzjoni fejn iċ-Chairperson jindirizza lill-Onor. Konrad Mizzi hekk:

“...li baqa’ jiddefendik s’issa, lilek għattielek, wara li inti nqbadt bil-kumpanija fil-Panama ...”

Imbagħad l-Onor. Konrad Mizzi qal:

“Ma nqbadt xejn. Mhu veru xejn.”

Iċ-Chairperson qal hekk:

“...li kellha tieħu €5,000 kuljum mingħand il-persuna akkużata bil-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia.”

L-Onor. Konrad Mizzi qal:

“Qed tagħmel insinwazzjonijiet giddibin.”

Iċ-Chairperson jerġa’ jirrispondi:

“Jien qed ngħid il-fatti u se nistaqsuk fuqhom.”

Imbagħad ikompli ċ-Chairperson:

“Hemm *emails* li jindikaw li inti kellek tirċievi €5,000 kuljum fil-kumpanija tal-Panama tiegħek minn 17Black, li *shareholder* tagħha huwa Yorgen Fenech, il-persuna akkużata bil-qtil ta’ Daphne Caruana Galizia. Fuq hekk qed jipprotestaw in-nies hemm barra.”

Hawnhekk l-Onor. Konrad Mizzi wieġeb:

“Beppe Fenech Adami, fuq l-affarijiet li qed nitkellmu dwarhom qed isiru investigazzjonijiet u *magisterial inquiries*, u nieħu pjaċir li jsiru ħalli toħroġ il-verità.”

Imbagħad hemm il-parti l-oħra f'paġna 27 – dejjem tal-istess seduta tat-3 ta' Novembru 2021 – fejn iċ-Chairperson jgħid:

> "Hekk hu. U saret inkjesta mill-Prim Ministru sieħbek bi tliet imħallfin, u x'ma għamlux, tawhom il-poteri kollha, estendewlhom is-snin u qalulhom "Aqbduh, aqbduh, aqbduh", u s'issa għaddew disa' snin... U inti mkeċċi, inti *toxic*, ħadd ma jrid imiss miegħek..."

L-Onor. Konrad Mizzi wieġeb:

> *"Toxic* inti għax Capital One mċappsa mad-droga."

Iċ-Chairperson qal hekk:

> "...u tiġi hawn u tagħmel dawn it-*tantrums*."

Hawnhekk imbagħad l-Onor. Ryan Callus qal:

> "Konrad, tista' tibqa' tiddevja; *you can run but you cannot hide*. Tista' ttawwal kemm trid, imma d-domandi li rridu nagħmlulek, se nagħmluhomlok."

Is-Sedja rat ukoll il-laqgħa tal-10 ta' Novembru 2021, li kienet kontinwazzjoni dwar ir-Rapport tal-Awditur fejn is-Sedja tħoss li għandha tagħmel referenza għal dak li qal iċ-Chairperson f'paġna 14 meta indirizza lill-Onor. Konrad Mizzi u qallu:

> "Dawk tressqu l-qorti, mhux bħalek għadek tiġri barra."

Minn paġna 16 is-Sedja rat ukoll dak li għal diversi drabi qal l-Onor. Karol Aquilina lill-Onor. Konrad Mizzi u nikkwota:

> "Inti qed titkellem! Int ir-reġina tal-korruzzjoni!"

L-Onor. Konrad Mizzi qal hekk:

> "Qed terġa' tgħajjarni korrott hawnhekk."

Imbagħad l-Onor. Karol Aquilina reġa' qallu:

> "Ir-reġina tal-korruzzjoni inti!"

Imbagħad reġa' qallu għat-tieni darba:

> "Int ir-reġina tal-korruzzjoni."

Reġa' qallu għat-tielet darba:

> "Inti r-reġina tal-korruzzjoni!"

Hawnhekk l-Onor. Konrad Mizzi wieġeb:

> "Apparti milli l-pulizija ma telgħux jixhdu, ħaġa stramba oħra hi li ma sarx appell fil-konfront tiegħek. *Rule of law à la carte*!"

Reġa' qallu għal darb' oħra:

> "Inti reġina tal-korruzzjoni."

U l-Onor. Konrad Mizzi wieġbu:

> "Inti persuna pataża ħafna."

Is-Sedja għamlet referenza wkoll għal dak li jintqal mill-Onor Karol Aquilina f'paġna 18 ta' din l-istess laqgħa meta lill-Onor Mizzi għal darbtjen qallu:

> "Niġu narawk il-ħabs."

Is-Sedja rat ukoll it-traskrizzjoni tal-19 ta' Jannar ta' din is-sena fejn l-Onor Karol Aquilina jiġi rrappurtat li qed jgħid lill-Onor. Konrad Mizzi dawn il-kliem:

> "Imbagħad niġu narawk il-ħabs. David Thake mhux sejjer il-ħabs, inti sejjer il-ħabs."

Liema kliem jerġa jiġi ripetut ftit wara mill-istess Onor Karol Aquilina meta lill-Onor Mizzi qallu:

> "Inti sejjer il-ħabs. Niġu narawk il-ħabs." … "Sewwa għedtlek li fil-ħabs se narawk."

Is-Sedja rat ukoll it-traskrizzjoni tal-laqgħa 26 ta' Jannar 2022 u ħadet nota li kien hemm tal-inqas istanza waħda fejn din l-imġiba irrepetiti ruħha. Qed nirreferi għall-battibekk bejn l-Onor. Karol Aquilina, il-konsulent legali tal-Onor Mizzi Dr Jean Paul Sammut u l-Onor Konrad Mizzi u nikkwota:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Għax inti, ta' lagħqi li int, ta' lagħqi li int ...
>
> **ONOR. KONRAD MIZZI:** Le! Le!
>
> **DR JEAN-PAUL SAMMUT:** Se nerġgħu nibdew!
>
> **ONOR. KONRAD MIZZI:** Lagħqi int u pastażun.
>
> **DR JEAN-PAUL SAMMUT:** Dan mhux diskors parlamentari.
>
> **ONOR. KONRAD MIZZI:** Lagħqi int! Ja pastażun, li mingħalik tħobb il-ġustizzja! Jien mhux se noqgħod għalih dan il-kliem. Lagħqi int! Pastaż int! (Interruzzjonijiet)

Is-Sedja rat ir-*ruling* li kienet tat hi stess fis-seduta 441 tas-16 ta' Marzu 2021 dwar id-domandi li jistgħu jsiru fil-konfront ta' xhieda meta s-Sedja kienet qalet ċar li:

> "Filwaqt li s-Sedja tappella għall-bonsens tal-Membri sabiex fil-Kumitati tal-Kamra dejjem ikun hemm ambjent oġġettiv biex ix-xogħol isir dejjem fl-interess pubbliku, u filwaqt li tagħraf l-importanza tar-rwol li jaqdi l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi f'dak li huwa skrutinju tal-kontijiet pubbliċi, tagħraf ukoll l-importanza li dan il-Kumitat dejjem jaġixxi skont is-setgħat li jtuh l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra."

Qalet ukoll f'dak ir-*Ruling* illi:

> "*Order in debate in a committee is enforced by the chairman, as he is responsible for the conduct of its business, and no appeal from his decision should be made to the Speaker*.".

Ikkwotat ukoll mill-Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee tal-Parlament Malti fejn dwar l-evidenza tax-xhieda li jidhru quddiem dan il-Kumitat jingħad hekk:

> *"A question put to a witness may be objected to by a Member. In such a case, the witness and any strangers present at the proceedings are to withdraw until the matter is considered and a decision on how to proceed is arrived at.*"

Qalet ukoll:

> *"If a question should be objected to, or if any difference should arise in regard to the questioning of a witness, witnesses and any member of the public who are present are directed by the Chair to withdraw, and the committee proceeds to consider the matter. When the committee has come to a decision, the witness is again called in, and the questioning proceeds."*

Is-Sedja rat ukoll illi f'dan il-każ ix-xhud quddiem il-Kumitat huwa Membru tal-Parlament li allura huwa intitolat għall-privileġġ parlamentari u dan kif indikat ukoll fil-*guideline*s li kkwotajt minnhom aktar kmieni li ħarġu f'Ottubru tal-2011 fejn hemm miktub li:

> *"Members of the House including Ministers may refuse to appear as witness and thus may not be formally summoned to attend as witnesses before the Committee. The House shall be informed of such a refusal."*

Imbagħad fil-Guidelines 19 hemm miktub hekk:

> *"No witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her."*

Is-Sedja rat ukoll l-iStanding Order 60 li jgħid hekk:

> "Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru.
>
> Kull membru li jkun uża kliem oġġezzjonabbli u li ma jirtirax l-istess, jew ma joffrix apoloġija għall-użu tagħhom, għas-sodisfazzjon tal-Kamra, għandu jiġi ċensurat jew trattat xort'oħra kif il-Kamra jidhrilha xieraq u kull membru msejjaħ għall-ordni għandu joqgħod bilqiegħda kemm-il darba ma jitħalliex jispjega ruħu."

Is-Sedja tifhem li mhux qed tintalab tiddeċiedi dwar ksur ta' privileġġ u għalhekk mhijiex se tiddelibera dwar dan. Pero' hija tħossha fid-dover li tirreferi għal dak li jgħid l-artikolu 11(4)(b) tal-Ordninanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra li jqis li kull insult lil xi Membru tal-Kamra jikkostitwixxi reat kontra din l-istess Ordinanza. Dan qed tagħmlu sabiex tissottolinea l-portata ta' tali imġiba bejn l-istess Membri tal-Kamra. Dan il-provvediment jgħid li jkun qed jikkommetti reat kontra dan l-Att:

> (b) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqga tagħhom;

Is-Sedja nnotat li filwaqt li kull Membru tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandu d-dritt li jagħmel id-domandi li jidhirlu xierqa b'mod oġġettiv fil-konfront tas-suġġett li jkun qed jiġi diskuss – f'dan il-każ ir-Rapport tal-Awditur Ġenerali dwar l-Electrogras – is-Sedja nnotat ukoll li kien hemm diversi stanzi fejn l-istess Chairperson, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Karol Aquilina b'mod partikolari jattribwixxu b'mod dirett kliem offensiv fil-konfront tal-Membru Parlamentari u kollega l-Onor. Konrad Mizzi. Is-Sedja innotat ukoll li dan instiga reazzjoni kultant daqstant ieħor xejn feliċi mill-Onor. Mizzi.

Is-Sedja, filwaqt li tagħmel referenza għal dan li ngħad f'rulings preċedenti li:

> "ic-chairman tal-kumitat għandu l-fakulta' li jmexxi s-seduta tal-kumitat li huwa jippresjedi u s-Sedja b'mod ġenerali ma tindaħalx kif issir din it-tmexxija ħlief f'ċirkostanzi partikolari fejn ikun meħtieġ li tara li Ordnijiet Permanenti, ir-regoli u prassi ta' din il-Kamra tad-Deputati u tal-Kumitati tagħha huma segwiti."

tappella biex iċ-Chairpersons u kull Membru tal-Kumitati jaraw li anke bl-eżempju li jagħtu, jimxu mal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra biex jiġu evitati problemi fl-andament tal-istess laqgħat tal-Kumitat.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi u mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kummenti li diġà saret referenza għalihom f'dan ir-*Ruling*, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi u tidderieġi u tistenna lil kull Membru tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi biex waqt li jkunu qed jagħmlu d-domandi b'mod liberu u b'mod oġġettiv fil-konfront tar-Rapport imsemmi li qed jiġi diskuss f'dan l-istess Kumitat, jużaw il-kawtela kollha b'osservanza għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, il-liġijiet, il-linji gwida u r-regoli viġenti applikabbli għall-Kumitati tal-Parlament.

Ir-*ruling* huwa deċiż.